MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2573/2002

**Krista Pace u Kristina Vaneva**

**vs**

**Hix Limited u b'digriet tat-Tribunal illum 9 ta' Mejju 2003, it-Tribunal jordna l-kjamat fil-kawza ta' Virtu Travel Limited u b'digriet tat-13 ta' Ottubru 2003, l-isem tas-socjeta konvenuta gie jinqara bhala Virtu Ferries Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u sitta u hamsin lira Maltin (Lm256) rappresentanti danni sofferti minnhom wara li kienu kostretti jidhlu f'dawn l-ispejjez wara li l-Catamaran li hallsu ghalih ma telaqx minn Sqallija u bhala

konsegwenza l-atturi kellhom ihallsu biljetti ta'l-ajru biex jirritornaw lura Malta kif ukoll kirja ta' kamra f'lukanda fost spejjez ohra.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta ipprezentata fit-12 ta' Novembru 2002, fejn gie eccepiet illi s-socjeta konvenuta hi biss agent ta'l-ivjaggar u f'dan l-kaz agixxiet biss bhala agent ta' Virtu Ferries Limited billi kkonsenjat biljetti ta'l-ivjaggar mahruga minn Virtu Ferries Limited validament konfermati bid-data tat-tluq u ritorn mill-istess Virtu Ferries Limited. Is-socjeta konvenuta ghalhekk ma kellha l-ebda kontroll jew parti fil-problemi li setghu inqalghu lill-atturi li messhom gew indirizzati lill-principal Virtu Ferries Limited illi taghha kienet esklussivament ir-responsabbilta' tal-vjagg.

Ra id-digriet tad-9 ta' Mejju 2003, fejn fuq talba tas-socjeta konvenuta u ghas-spejjez provvizorju ta'l-istess giet ordnata il-kjamata fil-kawza tas-socjeta Virtu Travel Limited.

Ra r-risposta ipprezentata mis-socjeta kjamata fil-kawza datata 28 ta' Mejju 2003 fejn gie eccepiet:

1. Preliminarjament is-socjeta kjamata in kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li ma tezistix.
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici ghal hlas tad-danni allegatament sofferti mill-atturi in kwantu diretta lejn is-socjeta kjamata fil-kawza huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li d-dmirijiet taghha dejjem gew imwettqa bid-diligenza u bil-prudenza u dana kif jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Illi jekk l-atturi sofrew xi danni, dawn gew kawzati tort unikament tas-socjeta konvenuta, skond kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi semmai jridu jipprovaw li ghamlu min kollox biex jimminimizzaw l-ispejjez inkorsi minnhom, li pero' ghandha tbaghtihom is-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez kontra l-atturi u is-socjeta konvenuta, li d-diretturi taghha flimkien ma'l-atturi huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra id-digriet tat-13 ta' Ottubru 2003, fejn intalbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-isem tas-socjeta kjamata fil-kawza gie jinqara bhala Virtu Ferries Limited u mhux Virtu Travel Limited.

Ra illi fid-dawl ta' dana d-digriet is-socjeta kjamata fil-kawza irtirat l-ewwel eccezzjoni sollevata minnha.

Sema' x-xhieda ta'l-atturi, ta' Alfred Pace, kif ukoll ta' Henry Xuereb in rappresentanza tas-socjeta konvenuta u ta' Julie Bezzina in rappresentanza tas-socjeta kjamata fil-kawza, u ta' Yvonne Schembri. Ra l-affidavit ta' Sue Abela.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-atturi kienu ipprenotaw vjagg bil-Catamaran gewwa Sqallija ghal btala ta' erbat ijiem. Dana l-vjagg huma kienu ipprenotawh mas-socjeta konvenuta li kienet qed tagixxi bhala agent tas-socjeta Virtu Ferries Limited li kienet tiehu hsieb l-vjaggi lejn Sqallija. Gara li meta l-atturi wasslu Catania sabiex jaqqbdu l-vjagg ipprenotat tar-ritorn huma gew infurmati illi dak in-nhar ma kienx hemm vjagg skedat ta' ritorn mal-Virtu Ferries u ghalhekk huma spiccaw ma setghux jirritornaw lura Malta dak in-nhar. B'konsegwenza ta' dana l-atturi kellhom jipprenotaw vjagg iehor ta' ritorn bl-ajru ghall-ghada fil-ghodu u ghalhekk kellhom ukoll iqattghu lejl gewwa lukanda f'Catania biex b'hekk huma inkorrew f'diversi spejjez zejda minhabba dana il-fatt.

L-ispejjez inkorsi mill-atturi gew elenkati fix-xhieda ta' Alfred Pace, missier l-attrici Krista Pace, li ukoll ezebixxa d-dokumenti kollha in sostenn tat-talba attrici. Jidher illi kien dana Alfred Pace ukoll illi ha hsieb it-trattativi li

sehhew sussegwentement sabiex jigu rkuprati dawn l-ispejjez mill-atturi, liema trattativi sehhew kemm mas-socjeta konvenuta kif ukoll mas-socjeta kjamata fil-kawza, liema trattativi ma wasslu ghall-ebda konkluzjoni stante illi s-socjeta konvenuta u s-socjeta kjamata fil-kawza ma wasslu ghall-ebda ftehim rigward min kellu jassumi r-responsabilta' ghall-istess.

Ikkunsidra.

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi s-socjeta konvenuta kienet qed tagixxi bhala agent tas-socjeta Virtu Ferries Limited. Hija kienet tiehu hsieb tipprenota l-vjaggi skond skeda li kienet tinbaghat lilha mill-istess socjeta kjamata fil-kawza. Jidher illi meta klijent imur sabiex jaghmel prenotazzjoni f'dati partikolari, l-impjegati tas-socjeta konvenuta, kienu jivverifikaw ma' dina l-iskeda jekk kienx ser ikun hemm vjagg fid-dati mitluba u meta jaraw dana, huma kienu sahansitra icemplu lill-principal sabiex tigi ikkonfermata l-prenotazzjoni u anke jinghata numru mill-istess socjeta kjamata fil-kawza ta' dina l-prenotazzjoni li jitnizzel fuq il-biljett stess, liema biljett imbaghad jinhareg mis-socjeta konvenuta bhala l-agent. Ta' dana ix-xoghol l-agent jithallas kummissjoni.

Irrizulta ukoll mill-provi illi meta vjagg partikolari ikun ser jigi ikkancellat, is-socjeta Virtu Ferries Limited tiehu hsieb kemm permezz ta' telefonata kif ukoll permezz ta' messagg bil-fax tinforma lill-agenti taghha sabiex huma min-naha taghhom ikunu jistghu ighaddu dina l-informazzjoni lill-klijent.

Jidher illi l-procedura tal-prenotazzjoni giet segwita f'dana il-kaz, u wara li kien hemm konferma min-naha tas-socjeta kjamata fil-kawza tal-prenotazzjoni u inghata anke in-numru, il-biljetti gew mixtrija mill-atturi ghal vjagg lejn Sqallija fil-granet bejn it-2 u l-5 ta' Lulju 2002. Ghalkemm il-vjagg lejn Sqallija sar, madanakollu ma johorgx car mill-provi r-raguni 'il ghala l-vjagg tar-ritorn ma sehhx. Alfred Pace missier l-attrici, ighid illi meta huwa ipprova jivverifika dak in-nhar stess tal-5 ta' Lulju 2002, mad-*duty officer* tas-socjeta Virtu Ferries, dana ikkonfermalu li dak

in-nhar fil-ghaxija ma kienx hemm vjagg lejn Malta bil-Catamaran. Din l-informazzjoni inghatat ukoll lill-atturi mir-rappresentant tal-Virtu Ferries hekk kif wasslu fil-port. Fil-kors tal-gbir tal-provi madanakolu harrget verzjoni ohra min-naha tas-socjeta kjamata fil-kawza, meta r-rappresentant taghha xehdet illi dak in-nhar vjagg kien hemm izda kien gie ikkancellat xi ftit jiem qabel minhabba li kien imhabbar il-maltemp. Julie Bezzina tghid ukoll illi hija kient infurmat lis-socjeta konvenuta b’dana xi jiem qabel kemm permezz ta’ telefonata, kif ukoll permezz ta’ messagg bil-fax, madanakollu kopja ta’ dina l-fax qatt ma giet esebita. Dana qed jinghad minhabba il-fatt illi l-impjegati tas-socjeta konvenuta jinnegaw illi huma qatt ircevew dina it-telefonata, kif ukoll xi messagg bil-fax illi dana il-vjagg kien ser jigi ikkancellat. Inoltre Julie Bezzina lanqas kienet f’posizzjoni li tikkonferma d-dati tal-vjagg, izda tiftakar biss illi kienet irceviet dina l-informazzjoni minn ghand id-diretturi taghha, li lanqas biss xehdu f’dawn il-proceduri bir-rizultat ghalhekk illi s-socjeta kjamata fil-kawza naqqset li tipprova dak illi hija qieghda issostni u ghalhekk sabiex tezimi ruhha minn kwalunkwe responsabbilta ghal dana il-kaz. Inoltre jirrizulta illi dak in-nhar tal-5 ta’ Lulju, maltemp ma kienx hemm u li l-vjagg ma kellux jigi ikkancellat minhabba f’din ir-raguni (ara verbal 10 ta’ Ottubru 2004). Is-socjeta konvenuta bhala agent, ghalhekk, ma kellha l-ebda kontroll fuq l-itinerarju tal-vjaggi u ghamlet dak li kienet obbligata li taghmel minghajr l-ebda nuqqas da parti taghha. Fuq kollox il-prenotazzjoni kienet giet ikkonfermata mis-socjeta kjamata fil-kawza stess u ghalhekk kien jinkombi fuq l-istess socjeta illi tassigura ruhha illi kemm il-darba vjagg ikun ser jigi ikkancellat min-naha taghha ghal kwalunkwe raguni, l-agent taghha u n-nies kollha li ikunu ipprenotaw vjagg ikunu gew debitament avzati b’dana il-kancellament. Il-fatt li saret telefonata jew li intbaghtet fax, jekk fil-verita dana sehh, ma hux bizzejjed, izda hija ghandha tara illi ikollha konferma min-naha ta’l-agent taghha illi l-klijent ikun gie debitament avzat.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, jirrizulta illi l-ammont mitlub huwa wiehed ragjonevoli, mehud in konsiderazzjoni c-cirkostanzi li nstabu fihom zewg tfajliet f’pajjiz esteru fil-

hinijiet ta’ fil-ghaxija, meta certament ma kellhomx hin sabiex joqghodu iduru l-lukandi kollha gewwa Sqallija sabiex isibu l-irhas prezz. Huma ipprenotaw fl-unika lukanda li kienu jafu biha fuq suggeriment ta’ missier l-attrici Pace u qabbdu l-ewwel vjagg li sabu ta’ ritorn lejn pajjizhom, li kien wiehed bl-ajru l-ghada fi-ghodu. Fuq kollox l-atturi stess xehdu illi huma kellhom *commitments* ta’ xoghol u ma setghux jibqghu jistennew iktar sabiex jaghmlu r-ritorn taghhom gewwa Malta. Illi ghalhekk s-socjeta kjamata fil-kawza ma tistax tippretendi, wara nuqqas da parti taghha, illi l-atturi joqghodu ifittxu sabiex inaqqsu l-kont b’xi ftit liri u dana peress illi l-ammont mitlub ma huwiex xi wiehed esagerat u d-differenza bejn il-prezz taz-zewg lukandi jidher illi huwa wiehed mimimu (ara Dokument a fol.21 u Dokument a fol.76 tal-process).

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lis-socjeta kjamata fil-kawza Virtu Ferries Limited responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi, u ghalhekk ighaddi sabiex filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta kjamata fil-kawza, jilqa’ l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u ghalhekk jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, u ghalhekk jilqa’ t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta kjamata fil-kawza, u jikkundanna lis-socjeta Virtu Ferries Limited thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u hamsa u sittin lira Maltin (Lm256).

L-ispejjez kollha ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-s-socjeta kjamata fil-kawza Virtu Ferries Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------